# Is-*Super Constellation* f'Ħal Kirkop 1973-1998

Alexander Busuttil B.Ed.(Hons.) M.Sc.

*Alexander Busuttil bħal ħafna minna, jiftakar l-ajruplan li kien hemm f'għalqa maġenb iċ-ċimiterju ta' San Nikola. Fl-aħħar snin tiegħu f'Ħal Kirkop safa mitluq u vvandalizzat, biss fis-snin sebgħin u tmenin dan kien attrazzjoni kbira. Dan l-artiklu jagħtina ħafna aktar tagħrif dwar 'connie', kif bosta kienu jsibuh.*




Is-Super Constellation fl-1986 u fl-1988

Ħafna Koppin jiftakru s-*Super Constellation* fl-għalqa tas-Sur Wistin Axiaq fi Triq San Nikola, int u sejjer iċ-ċimiterju tar-raħal. Ħafna jiftakruh żdingat bħal ma jidher f'dan ir-ritratt tal-1988 però kmieni fit–tmenijiet dan kien iservi bħala *Bar & Restaurant* u kien popolari f'Malta u assoċjat mar-raħal tagħna. Din is-sena xtaqt nikteb ftit informazzjoni fuq dan l-ajruplan li fi żmienu kien jitqies bħala ajruplan ta' klassi għolja.

Is-*Super Constellation* inbena mill-kumpanija Amerikana *Lockheed* bejn l-1943 u l-1958 fil-fabbriki tagħhom ġo Kalifornja. Inbnew 856 minnhom f'diversi mudelli differenti imma kollha tagħrafhom b'denbhom bi tlieta u żaqqhom forma ta' delfin. Kienu jintużaw kemm bħala ajruplani ċivili u wkoll għall-militar. Fil-fatt wieħed minnhom kien jintuża bħala l-ajruplan presidenzjali tal-President Amerika Dwight D. Eisenhower. Il-*Constellation* jew kif jissejjaħ "*Connie*" jaħdem b'erba' magni bl-iskrejjen bi tmintax-il ċilindru l-waħda (*radial Wright R-3350 3250hp*). Dawn il-magni kellhom qawwa kbira u l-ajruplan kien kapaċi jtella' veloċità massima ta' 550 kilometru fis-siegħa u jitla' għoli ta' 7300 metri (24000 pied). Wara t-tieni gwerra il-kumpanija Amerika TWA bdiet tuża l-*Constellation* bħala ajruplan ċivili biex taqsam l-Atlantiku mill-Amerka għall-Ewropa. Dan is-servizz tal-ajru beda fis-6 ta' Frar 1946 b'titjira minn New York sa Pariġi. Il-*Constellation* kien jgħabbi minn 62 sa 95 passiġġier u jieħu tgħabija ta' kważi 30 tunellata. Il-kabina tal-Constellation kienet presurezzata u għalhekk il-passiġġieri kienu jkunu komdi matul it-titjira kollha bħal fl-ajruplani moderni tal-lum. Ħafna iktar kumpaniji tal-ajru daħlu l-*Constellation* fil-flotta tagħhom bħal *Pan American World Airways, Air France, KLM, Qantas, Lufthansa, Air Canada* u oħrajn. Però rridu ngħidu li malli ġew żviluppat l-ajruplani *jets* bħal *Comet* u l-*Boeing 707*



Il-kabina bil-passiġġieri waqt titjira tas-*Super Constellation*

malajr ħadu post is-*Super Constellation*. Fil-fatt insibu li fl-Amerka t-TWA għamlet l-aħħar titjira *b'Super Constellation* bil-passiġġieri minn *Philadelphia* għal *Kansas City* fil-11 ta' Mejju 1967.



Il-*cockpit* tas-*Super Constellation*.

## L-istorja tas-*Super Constellation* ta' Ħal Kirkop.

Is-*Super Constellation* li kien Ħal Kirkop kellu n-numru L1049G – c/n 4618 kien propjetà ta' kumpanija Portugiża jisimha TAP – *Transportes Aereos Portugeses* sa minn Settembru 1955. Din il-kumpanija għamlet l-aħħar titjira bih mill-Brażil sa Liżbona l-Portugal fit-13 ta' Settembru 1967. Fit-tmienja ta' Novembru 1967 l-ajruplan inxtara minn kumpanija Amerikana jisimha *North Amerikan Aircraft Trading Company* u tawh numru ta' Reġistrazzjoni falz 5T-TAF. L-iskop tiegħu kien li jintuża biex iġorr għajnuna umanitarja lill-poplu tan-Niġerja li kien maqbud fi gwerra ċivili. Fis-16 ta' Frar 1968 l-ajruplan niżel fl-ajruport ta' Ħal Luqa u nstab li kellu tagħbija *tyres* tal-ajruplani bla permessi meħtieġa u għalhekk inżamm Malta. L-ekwipaġġ abbandunah fl-ajruport tagħna u erba' snin wara l-gvern biegħ dan l-ajruplan b'subbasta fis-6 ta' Novembru 1972 lil Salvatore Bezzina & Sons Ltd. għas-somma ta' Lm3,000. Fid-disgħa ta' Jannar 1973 l-ajruplan irmunkawh minn Ħal Luqa sa Ħal Kirkop u sab postu fl-għalqa tas-Sur Wistin Axiaq fit-Triq San Nikola li kien krieha lis-sidien il-ġodda tal-ajruplan il-kumpanija BFB Ltd. Dawn xtraw l-ajruplan fl-10 ta' Jannar 1973 u b'kollox nefqu madwar Lm10,000 biex ikkonvertewh *f'Bar & Restaurant*. Il-*cockpit* u l-istrumenti ħallew kollox kif kien. Naturalment il-kabina ġiet rinovata b'sufani u mwejjed addattati għal *Restaurant*. Dam jintuża bħala *Restaurant* sal-1988 u mbagħad ġie abbundunat sakemm fit-30 ta' Jannar nħaraq u saritlu ħsara kbira. Dak li baqa' minnu nxtara mill-Mużew tal-Avjazzjoni ta' Malta u fl-għalqa fejn kien ma baqa' xejn minnu. Però milli jidher is-*Super Constellation* baqa' marbut mar-raħal tagħna għaliex dan l-aħħar id-dilettanti tal-ajruplani poġġew waħda mill-magni tiegħu fejn ir-runway faċċata taċ-ċimiterju u għalhekk kull min għandu ċertu età żgur mill-ewwel jiftakar fis-Super Constellation tar-raħal tagħna Ħal Kirkop.

Riferenzi:
http://en.wikipedia.org/wiki/airlift
http://www.conniesurvivors.com/5T-Taf.htm
http://wikipedia.org/wiki/Lockheed_Constellation